MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2486/2003

**Nazju Vella**

**vs**

**Darren Joseph Decelis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1051.63) rapprezentanti danni li garrab l-attur bhala konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li gara Marsaxlokk fit-12 ta' Lulju 2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru FBD 452 baqa' diehel fil-wara ta' vettura numru JON 698 ptopjeta' ttal-attur u msijuqa minn Jonathan Vella bil-konsegwenza li din sfat imbuttata u mahbuta fil-wara ta'

vettura ohra li kient quddiemha, prpjeta' ta' terzi, li min-naha taghha spiccat mahbuta f'haddiehor, ghal-liema ncident il-konvenut kien unikament respponsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Setttembru 2003, tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-17 ta' Otturu 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-ssegwenti:-
Illi t-talba qed tigi kontestata stante li kien Jonathan Vella li kkawza l-incident mertu ta' din il-kawza meta b'manuvra ta' sorpass perikoluza u kontra r-regolamenti tat-traffiku huwa mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u rega' prova jidhol fin-naha t-tajba tat-triq bil-konsegwenza li habat fil-vetturi involuti u holoq emergenza lill-konvenut li ma setghax jevitah.
Il-konventu jichad kategorikament li kien hu li mbotta l-vettura JON 698 ghal fuq il-vetturi l-ohra.
Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Jonathan Vella, ta' John Farrugia, Leslie Ann Mizzi, tal-konvenut u ta' Kurt Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokuemnti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju 2003 f'Marsaxlokk, precizament fit-triq li tohrog minn Marsaxlokk u taghti ghal Tal-Barrani. F'dan l-inxident kienu nvoluti erba' vetturi u tnejn minnhom kienu misjuqa jew huma propjeta' tal-partijet fil-kawza odjerna. Il-vettura bin-numru ta-registrazzjoni JON 698, propjeta' tal-attur, u

misjuqa minn Jonathan Vella kienet it-tielet vettura minn quddiem fir-ringiela ta’ vetturi mahbutin filwaqt li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBO 052 misjuqa mill-konvenut kienet ir-raba’ vettura. u cioe’ il-vettura ta’ wara nett.

Jonaathan Vella xehed li fid-data tal-incident huwa kein qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JON 698 fil-lokalita' msemmija fil-paraagrafu precedenti, kien hiereg minn Maarsaxlokk u sejjer lejn it-traffic lights. Huwa kellu bhala passsiggiera meighu lit-tfajla Leslie Ann Mizzi. Vella jghid li t-raffiku kien wieqaf u li quddiemu, madwar tul ta’ nofs vettura l-boghod, kien hemm vettura tal-marka Lada wieqfa fit-raffiku li jwassal ghall-lights. Waqt li kien wieqaf ezatt wara din il-Lada qed jistenna biex jimxi dan it-traffiku, hass daqqa fuq il-parti ta’ wara tal-vettura tieghu u bid-daqqa huwa gie mbuttat fil-vettura li kien hemm quddiemu u din il-vettura bid-daqqa spiccat imbuttata fil-vettura li kien hemm quddiemha. Jonathan Vella jghid li meta gew il-Pulizijia fuq il-post dawn qalulhom li kellha tintela’ l-Front to RearForm u kien biss is-sewwieq ta’ warra nett, u cioe’ l-konvenut, lli kellu din il-formola. Vella jispjega li l-konvenut mela l-formola ta’ bejniethom izda ma talbux jiffirmaha u ma tahx kopja tal-istess. Id-dettalji ta’ Vella il-konvenut hadhom minn fuq il-karta tal-identita’ ta’ Vella. Dan tal-ahhar jghid ukoll li l-kasella numru 6 (fejn hemm indikat li l-kollizzjoni sehhet waqt li kienet qed tigi effetwata manuvra ta’ sorpass) fuq il-Front to Rear Form (a fol. 38) giet ittikkjata mill-konvenut u li huwa ma jaqbilx ma dak li gie indikat f’dan ir-rigward u jichad kategorikament li l-konvenut kien indikalu li ser jittikja din il-kasella qabel ma effettivament ghamel hekk. In kontro-ezami Jonathan Vella cahad ukoll lli huwa kien effetwa manuvra ta’ sorpass u qabez il-linja medjana qabel sehh l-impatt u li huwa kien diga’ habat fil-vettura ta’ quddiemu qabel ma dahal fih il-konvenut.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura teighu bin-numru tar-registrazzjoni FBO 052, hiereg minn Marsaxlokk u sejjer lejn Tal-Barrani. Kien hemm traffiku sostanzjali b’vettura miexja wahda wara l-ohra f’karreggjata wahda u meta wasal vicin in-

nicca tar-Redentur ra l-vettura misjuqa minn Jonathan Vella gejja minn warajh, din qabzitu dahlet quddiemu u habtet fil-vettura li kien hemm quddiemha. Il-konvenut jghid li huwa ma kellux spazju bizzejjed biex jieqaf fil-hin u ghalhekk spicca biex miss il-vettura ta’ Vella fuq wara. Il-konvenut issotni li meta ra l-vettura ta’ Vella diehla quddiemu din kienet angolata lejn ix-xellug u baqghet hekk angolata wara l-impatt. Huwa jghid ukoll li kien hemm spazju ta’ tul ta’ vettura bejn il-vettura tieghu u dik ta’ quddiemu qabel ma dahlet il-vettura ta’ Vella bejniethom.

Jidher ghalhekk li t-Tribunal huwa rinfaccat b’zewg verzjonijiet opposti dwar kif sehh l-incident, dik moghtija minn Jonathan Vella l hija korroborata minn Leslie Ann Mizzi u dik moghtija mill-konvenut u korroborata minn Kurt Schembri. It-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh fuq l-unika xhieda indipendenti, u cioe’ dik moghtija minn John Farrugia, li kien is-sewwieq tal-vettura quddiem dik ta’ Jonathan Vella. Dan is-sewwieq xehed li huwa qala’ daqqa waqt l kien wieqaf fit-traffiku u gie mbuttat fil-vettura ta’ quddiemu. John Farrugia ikkonferma li huwa daqqa wahda biss hass qabel ma gie mbuttat fil-vettura ta’ quddiemu u qal ukoll li meta nizel mill-vettura tieghu il-vettura ta’ Jonathan Vella kienet diritta wara l-vettura teighu li wkoll kienet dritta. Dan ix-xhud ghalhekk jikkorobora pjenament il-verzjoni moghtija minn Jonathan Vella fis-sens li jekk huwa hass daqqa wahda dan ifisser li dak li qed isostni Vella li huwa giet mbuttat fil-vettura ta’ Farrigia mill-konvenut huwa minnu. Inoltre Farrugia jikkonferma wkoll li l-vettura ta’ Vella kienet drita wara l-habta u mhux angolata lejn ix-xellug kif qed isostni l-konvenut.

Oltre x-xhieda ta’ John Farrugia hemm ukoll fatturi ohra li kkonvincew lit-Tribunal li l-verzjoni moghtija minn Jonathan Vella hija dik veritjera. Dawn huma s-segwenti:-

1. Il-fatt li l-konvenut sostna li l-vettura tal-attur kienet angolata lejn ix-xellug wara l-impatt izda fl-iskizz li ghamel huwa stess fuq il-Front to raer Form (a fol. 38) huwa indika li l-vettura ta’ Vella bhala dritta u inoltre indika li l-

hsara fuq wara tal-vettura ta' Vella kienet lejn in-nofs u anki dik tal-vettura tieghu bhala li kienet fin-nofs.

2. Kurt Schembri, ix-xhud prodott mill-konvenut xehed li l-vettura ta' Vella kienet dritta u mhux angolata wara l-impatt.

3. It-Tribunal jidhirlu li m'huwiex possibbli li l-vettura ta' Vella setghat tidhol dritta fi spazzju ta' tul ta' karozza li l-konvenut jallega li kien hemm bejn il-vettura tieghu u l-vettura ta' quddiemu.

4. It-Tribunal difficilment jifhem kif il-konvenut ma talabx lil Vella jiffirma l-Front to Rear Form li kien mela' u fejn kien indikat li l-kollizzjoni kienet sehhet waqt li Vella kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass. Kieku verament Vella kien qed jaqbel ma din id-dikjarazzjoni il-konvenut ma kien ikollu ebda diffikolta' li jitolbu jiffirma l-Front to Rear Form. Meta wiehed jikkunsidra li l-konvenut huwa membru tal-korp tal-Pulizizja it-Tribunal isibha aktar difficli jifhem kif huwa ma talabx lil Vella jiffirma l-Front to Rear Form.

5.Ir-ritratti tal-hsarat fil-vettura ta' Vella huma konformi mal-verzjoni moghtija minnu dwar kif sehh l-incident.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut li baqa' diehel fil-vettura ta' Jonathan Vella u mbuttah fil-vettura ta' John Farrugia.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1051.63), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-17 ta' Ottubru 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assiurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------